Kopja informali ta' Sentenza.

**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru: 1082/2021 LC

**SUSAN AZZOPARDI (K.I. 0417678M)**
**MARY AZZOPARDI (K.I. 0809656M)**
**PAOLA AZZOPARDI (K.I. 0035455M)**
**CARMELA AZZOPARDI (K.I. 0032054M)**
**LAWRENCE FARRUGIA (K.I. 144558M)**
**ALFRED FARRUGIA (K.I. 528063M)**

*vs*

**CARMEL FARRUGIA (K.I. 215547M) U B'DIGRIET**
**DATAT L-10 TA' ĠUNJU 2022 ĠIET KJAMATA**
**IN CAUSA ANTONIA GIUSEPPA FARRUGIA (K.I. 75955M)**

**Illum, 01 ta' Marzu, 2023**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Susan Azzopardi, Mary Azzopardi, Paola Azzopardi, Carmela Azzopardi, Lawrence Farrugia u Alfred Farrugia fejn, għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talab lil dan il-Bord sabiex:

I. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat huwa l-inkwilin tal-esponenti fil-fond numru tmintax (18) fi Triq il-Knisja, Ħad-Dingli, u jikkwalifika bħala kerrej ta' dar ta' abitazzjoni abbażi ta' din it-tifsira, ai termini tal-Artikolu

2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini kif emendat bl-Att XXIV tal-2021, u b'hekk huwa intitolat jkompli jokkupa d-dar ta' abitazzjoni ai termini tal-Artikolu 2 tal-appena msemmija Ordinanza.

II. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-istess Carmel Farrugia (K.I. 215547M) ai termini tal-Artikolu 4A(3)(ċ) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, skont dawk il-provvedimenti li dana l-Onorabbli Bord jidhrulu xierqa;

III. Kemm-il darba l-intimat jissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, ai termini tal-Artikolu 4A(2) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u kull liġi oħra relevanti, jirrevedi l-kera għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena 2021, u dan filwaqt li *occorrendo* jistabbilixxi kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.

IV. Kemm-il darba wkoll l-intimat jissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kpital tat-test tal-mezzi, jordna illi ai termini tal-Artikolu 4A (6) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kera miżjuda u riveduta abbażi tat-talba preċedenti tibda titħallas waqt il-pendenza tas-smiegħ tar-rikors odjern;

V. Kemm-il darba l-intimat ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, jordna l-iżgumbrament tal-istess intimat mill-fond in kwistjoni, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan l-Onorabbli Bord u mhux aktar tard minn sentejn, filwaqt li jistabbilixxi kumpens pagabbli mill-intimat lill-esponenti għall-okkupazzjoni tal-imsemmi fond, sakemm iseħħ tali żgumbrament.

> Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimat għas-subizzjoni u b'riżerva u mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra spettanti lill-esponenti.

Ra r-risposta tal-intimat Carmel Farrugia datata l-11 ta' Marzu 2022 fejn sommarjament eċċepixxa fost l-oħrajn illi: (i) għandha tiġi kkjamata fil-kawża mart l-intimat, ossija Antonia Giuseppa Farrugia; (ii) huwa l-inkwilin tal-fond *de quo*; (iii) huwa jissodisfa t-test tal-mezzi u għandu jgawdi mill-protezzjoni tal-liġi; (iv) il-ħames talba, għall-iżgumbrament, m'għandhiex tiġi milqugħa; (v) il-Bord, fid-deliberazzjonijiet tiegħu, għandu jieħu in konsiderazzjoni l-introjtu limitat tal-intimat (vi) ir-raba' talba hija insostenibbli stante li wara l-preżentata tar-rapport, ir-rikors imur għas-sentenza;

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) r-rikorrenti jeħtieġlu jipprova it-titolu tiegħu u li huwa waħdu s-sid uniku tal-fond; (ii) illi dan il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iii) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; (iv) illi l-Periti maħtura bil-liġi għandhom jagħtu l-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuħ imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih issir ir-rikors u (v) f'każ li l-inkwilini jissodisfaw t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tal-20 ta' Jannar, 2022, l-intimat wettaq it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Joseph Saliba u l-Perit Anthony Robinson ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra r-rikors tar-rikorrenti datat l-10 ta' Ġunju 2022 fejn intalab li Antonia Giuseppa Farrugia tiġi kkjamata *in causa* u d-digriet tiegħu tal-istess data fejn laqa' t-talba u ordna s-sejħa fil-proċeduri ta' Antonia Giuseppa Farrugia;

Ra illi fl-istess seduta, il-kjamata fil-kawża tat ruħha b'notifikata u għamlet tagħha ir-risposta sottomessa mill-intimat Carmel Farrugia;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sidien tal-kera jadixxu lil dan il-Bord u jitolbu żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex sidien il-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimat u l-kjamata humiex l-inkwilini ta' dan l-istess fond.

Illi skond ma jirriżulta mid-Dikjarazzjoni *causa mortis* ppublikat min-Nutar Dottor Mary sive Mariella Mizzi fil-5 ta' Lulju 2010[1] jirriżulta illi l-fond *de quo* kien jappartjeni lil missier ir-rikorrenti, senjatament Antonio Farrugia. Illi l-imsemmi Antonio Farrugia ġie nieqes fl-10 ta' Ottubru 2009 u b'nota ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti Ċivili

[1] A fol. 9 tal-atti proċesswali.

(Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) nhar it-23 ta' Ottubru 2010, l-armla tiegħu Salvina Farrugia, filwaqt li rrinunzjat għall-wirt kollu salv għad-dritt ta' użu u użufrutt naxxenti mit-testment tad-*decuius* a favur tagħha,[2] talbet illi l-wirt jiddevolvi fuq is-sitt uliedhom, ossija r-rikorrenti odjerni. Illi di più, b'Digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) numru 321/2010, il-wirt tad-defunt Antonio Farrugia ġie dikjarat miftuħ favur is-sitt uliedu rikorrenti. Illi b'hekk, il-fond de quo għadda għand ir-rikorrenti b'sehem indiviż kull wieħed.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt ikkreat mill-att appena msemmi, u għalhekk abbażi tal-istess att, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni.

Ikkonsidra;

Illi ir-rikorrenti jiddikjaraw fir-rikors promotur illi l-fond in kwistjoni ilu mikri lill-intimat bħala dar ta' abitazzjoni għal għexieren ta' snin u żgur qabel l-1 ta' Ġunju 1995. Da parti tiegħu, l-intimat u l-kjamata in kawża jikkonfermaw illi huma l-inkwilini tal-fond *de quo*.

Illi fid-dawl ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimat u l-kjamata in kawża huma effettivament l-inkiwlini tal-fond *de quo.*

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimat Carmel Farrugia u tal-kjamata Antonia Giuseppa Farrugia ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a), 8 u 9 tar-

[2] Ara fol. 5 tal-atti proċesswali.

Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(6) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital, ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(5) tar-Regolamenti msemmija.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) u b’hekk, dan il-Bord ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B’hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimat Carmel Farrugia u l-kjamata in kawża Antonia Giuseppa Farrugia **ma jeċċedux** il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) u konsegwentement **<u>jissodisfaw</u>** il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A (5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta. B’hekk, m’hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A (4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f’residenza mifruxa fuq żewġ sulari, b’aċċess dirett minn triq pubblika. Il-fond huwa fi stat finished u jidher li huwa ben mantnut. Il-fond huwa munit bis-servizzi tal-elettriku, ilma u drenaġġ u huma funzjonabbli.

Illi l-periti tal-Bord, wara li kkonsidraw il-fatturi kollha relatati mal-fond, inkluż il-valur fis-suq ta’ propjetajiet simili u, jew fl-istess żona, l-istat tal-fond kif inhu preżentement kif ukoll il-potenzjal ta’ żvilupp kif dettaat mill-pjanijiet, policies u linji gwidi viġenti tal-ippjanar,

huma tal-fehma li l-valur tal-fond li kieku mibjugħ volontarjament minn sidu fis-suq ħieles f'Jannar 2021, jekwivali għal mija u sittin elf Ewro (€160,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[3]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' tlett elef u mitejn Ewro (€3,200) fis-sena.
Ikkonsidra;

Illi fir-raba' talba tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu illi l-kera miżjuda u riveduta tibda titħallas waqt il-pendenza tas-smiegħ tar-rikors

[3] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

odjern. Illi mid-diċitura tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta ma jidhirx li l-Bord huwa awtorizzat li japplika ż-żieda tal-kera retroattivament sa minn meta jkun ġie ntavolat ir-rikors promotur. L-unika żieda permessibli qabel l-għoti tas-sentenza hija dik *pendente lite* ai termini tal-Artikolu 4A(6) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi b'hekk din it-talba ser tiġi miċħuda.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara illi Carmel Farrugia u Antonia Giuseppa Farrugia huma l-inkwilini tal-fond bin-numru 18, Triq il-Knisja, Ħad-Dingli.

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante illi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri.

3. Jilqa' t-tielet talba u jordna illi kera tal-fond bin-numru 18, Triq il-Knisja, Ħad-Dingli, għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo* u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli għall-ammont ta' tlett' elef u mitejn Ewro (€3,200) fis-sena, pagabbli mil-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erbgħa (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena.

4. Jiċħad ir-raba' u l-ħames talbiet tar-rikorrenti;

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat, tal-kjamata in kawża u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**